# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 11 ta' Mejju 2021**

**Talba Numru 97/2019SFJ**

***Elmo Insurance Limited (C3500)***
***vs.***
***Wilson Mifsud (527284M) u Josemar Borg (343286M)***

**It-Tribunal:**

## 1. Preliminari

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenuti jkunu solidalment ikkundannati jħallsuha l-ammont ta' elfejn u tlett mija u disgħa' u tmenin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€2,389.36) in linea ta' danni, imgħax, spejjeż ġudizzjarji u taxxa fuq il-valur miżjud (*VAT*) sborsati minnha favur ir-rikorrent fl-arbitraġġ fl-ismijiet *GasanMamo Insurance Limited vs. Josemar Borg* (M5031/2017) deċiż fis-27 ta' Novembru 2017;

Ra s-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2019 fil-konfront tal-konvenut Wilson Mifsud;

Ra r-Risposta tal-konvenut Josemar Borg ippreżentata fit-13 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha eċċepixxa:

"*1. Preliminarjament, kif indikat fl-avviż, il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBV373 hija proprjetà tal-intimat Wilson Mifsud. Qabel xejn l-esponenti jindika li qatt ma kellu relazzjoni mal-assikuratriċi rikorrenti relatata mal-istess vettura u għaldaqstant l-intimat*

*esponenti mhux leġittimu kontradittur u għandu jkun meħlus mill-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

2. *Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-preżenti kawża kienet deċiża fil-konfront ta' Wilson Mifsud nhar is-7 ta' Ottubru 2019 fejn l-intimat Mifsud kien ikkundannat iħallas is-somma ta' €2,389.36 flimkien mal-ispejjeż u l-imgħax tat-talba, kif kien mitlub mir-rikorrenti, fit-talba tagħha stess u għalhekk ir-rikorrenti m'għandux ikollha aktar pretensjonijiet kontra l-intimat esponenti billi l-proċediment kien eżawrit.*

3. *Fit-tielet lok, l-intimat Borg b'għandu jagħti xejn lir-rikorrenti.*

4. *Fir-raba' lok, it-talba tar-rikorrenti hija mill-bqija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.*"

Ra l-kopja awtentikata tal-*lodo* arbitrali tas-27 ta' Novembru 2017 bin-numru M5031/2017 (fol. 55 sa 58);

Ra n-nota tal-Avukat Dr Rebecca Mercieca ppreżentata fis-17 ta' Diċembru 2020 fejn hija rrinunzjat il-patroċinju tal-konvenut Josemar Borg u qalet li dan kien ilu ħafna ma jikkomunika magħha;

Ra li fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2021, il-kawża ġiet differita għall-provi tal-konvenut;

Ra li minkejja dan, il-konvenut ma ressaq ebda provi f'ebda seduta u għalhekk, il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-16 ta' Marzu 2021.

Sema' ix-xhieda kollha u qara d-dokumentazzjoni kollha.

## 2. <u>Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

Fl-Avviż tat-Talba, is-soċjetà attriċi spjegat li relattivament għall-*lodo* msemmi, Josemar Borg kien is-sewwieq tal-vettura BBV373 filwaqt li Wilson Mifsud kien sid il-vettura. Hija qalet li fil-ħin tal-inċident, mill-istħarriġ tas-soċjetà attriċi, irriżulta li Borg ma kellux liċenzja tas-sewqan adekwata u b'hekk, il-konvenuti kisru l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni. Kwindi, ma setgħux jinvokaw il-polza tal-assigurazzjoni biex iħarsu lilhom infushom mir-riżarċiment tad-danni direttament mingħandhom. Għalhekk, l-iskop ta' din il-kawża huwa li s-soċjetà attriċi tirkupra d-danni mingħandhom stante li ma setgħetx ma tħallasx lid-danneġġjat. Inoltre, jidher mill-*lodo* (ara fol. 56) li Josemar Borg kien kontumaċi f'dawk il-proċeduri u ma ppreżenta ebda difiża.

Fl-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2020 xehed George Stagno Navarra, impjegat tas-soċjetà attriċi. Huwa qal li l-vettura BBV373 kienet koperta bil-polza numru 4167290125. Qal li meta nfetħet il-*claim* magħhom, huma ħadu kopja tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq. Irriżulta li s-sewwieq, Josemar Borg, kellu liċenzja li tippermettilu jsuq vetturi tal-kategorija "B" u vetturi tal-kategorija

"D". Qal li minn diskussjonijiet li kellu mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-vettura BBV373 kienet taqa' fil-kategorija "Ċ" u għalhekk, sabiex isuqha, sewwieq kellu tabilfors ikollu liċenzja għal dik il-kategorija ta' vettura. Qal li d-danneġġjat (relattivament għall-*lodo*) kien assigurat minn GasanMamo Insurance Limited u dik l-assigurazzjoni tħallset mis-soċjetà attriċi ammont ekwivalenti għas-sorte f'din il-kawża (ara fol. 50).

Ġiet esebita l-*claim form* (fol. 59) li skont ix-xhud Stagno Navarra, mtliet miż-żewġ konvenuti. Fiha hemm indikat li l-*policyholder* huwa Wilson Mifsud, li s-sewwieq kien Josemar Borg u li l-vettura BBV373 hija tal-mudell "*Dennis Refuse Truck*". Kien hemm indikat li d-danni sofferti minn terzi kienu jikkonsistu fi ħsarat f'xi gallarija.

Ġie esebit ukoll dokument (a fol. 65) li jindika li fost l-eċċezzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni, hemm is-sitwazzjoni jew ċirkostanza fejn il-vettura assigurata tkun misjuqa minn persuna skwalifikata mis-sewqan jew li ma kellhiex liċenzja tas-sewqan jew li skont il-liġi ma setax ikollha liċenzja tas-sewqan.

L-Avukat Dr Fiona Galea Farrugia ppreżentat kopja tal-*lodo* kif ukoll kopja tat-taxxa relattivament għal dawk il-proċeduri.

Xehed ukoll Stephen Cachia, li jaħdem fil-*Land Transport Directorate* fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Huwa qal li fl-24 ta' Ottubru 2015, il-konvenut Josemar Borg bil-karta tal-identità numru 343286M, kien liċenzjat biex isuq vetturi tal-kategoriji "B", "B1", "D" u "D1". Qal li biex isuq il-vettura BBV373, liema vettura kellha l-kliem "*Dennis Refuse Truck*", il-konvenut kellu jkollu liċenzja li tkopri vetturi tal-kategorija "Ċ".

It-Tribunal josserva li ħlief għar-Risposta, il-konvenut Borg ma ppreżenta ebda provi. *Di più*, l-avukat imqabbda minnu biex tirrispondi għall-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi ħasset il-bżonn li tirrinunzja l-patroċinju u li tinforma lit-Tribunal li hu kien ilu ħafna ma jikkomunika magħha. Huwa evidenti li l-konvenut Borg ma ppreżenta ebda provi sabiex isostni l-eċċezzjonijiet tiegħu.

M'hemmx dubju li permezz tas-sewqan tiegħu, liema sewqan ma kienx kopert minn liċenzja li tikkorrispondi mal-kategorija ta' vettura li kien qiegħed isuq, Borg ikkawża dannu lil terzi u li minħabba l-polza tal-assigurazzjoni, is-soċjetà attriċi kellha tagħmel tajjeb għad-danni relattivi. Dan, iżda, ma jfissirx li għax Borg ma kellux relazzjoni diretta mas-soċjetà attriċi *qua* assigurat, ma jistax ikun ikkundannat jirrimborsaha. Kien hu li kkawża d-dannu u kien hu li saq mingħajr liċenzja li tikkorrispondi mal-vettura li kien qiegħed isuq. Is-sewqan illegali tiegħu huwa dak li jagħmel kawża bħal din possibbli. Kieku Borg kellu l-liċenzja tal-kategorija "Ċ", is-soċjetà attriċi ma kinitx tkun tista' titlob tali rimbors għax l-eċċezzjoni relattiva indikata fid-dokument a fol. 65 ma kinitx tavvera ruħha.

L-eċċezzjonijiet tal-konvenut Borg jaqgħu kollha meta wieħed jikkunsidra li l-*lodo*, li abbażi tiegħu s-soċjetà attriċi kellha tħallas lil GasanMamo Insurance Limited, kien dirett kontra l-istess Borg u li fih, huwa ma kkontesta xejn mit-talbiet ta' GasanMamo Insurance Limited (ara fol. 57).

Għalhekk, il-provi prodotti jindikaw li fil-fatt, l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Borg ma jimmeritawx akkoljiment.

## 3. Deċide

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u b'hekk jikkundanna lil Josemar Borg iħallasha s-somma ta' elfejn u tlett mija u disgħa' u tmenin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€2,389.36) flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet kollha kif mitluba fl-Avviż tat-Talba, liema imgħax għandu jiġi ikkalkulat mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**